# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 30**

**Rikors Kostituzzjonali numru: 793/2021/1 GMG**

***Kingsway Palace Company Limited* (C-437)**

***v.***

**L-Avukat tal-Istat; Peter Caruana**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi *Kingsway Palace Company Limited* minn sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet illi l-applikazzjoni tad-dispos-izzjonijiet relevanti tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] ma wasslux għal ksur tad-drittijiet tas-soċjetà attriċi mħarsa taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-"Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Proto-koll tal-Konvenzjoni europea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u

tal-Libertajiet Fundamentali [“l-Ewwel Protokoll”]. L-appell tas-soċjetà attriċi jolqot in-nuqqas ta’ sejbien ta’ ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha.

2. Il-fatti li wasslu għall-każ tallum ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »Irriżulta mill-provi li l-kumpannija rikorrenti kienet kostitwita b’kuntratt in atti tan-Nutar Giuseppe Sammut tal-25 ta’ Ottubru 1950, u bis-saħħa tal-istess kuntratt hija akkwistat mingħand id-diversi azzjonisti tagħha l-proprjetà tal-blokk li minnu l-fondi mertu tal-kawża jiffurmaw parti. L-għan li għalih twaqqfet is-soċjetà attriċi kien proprju biex, fost oħrajn, tamministra dan il-blokk. Bi skrittura privata datata 9 ta’ Settembru 1994 ir-rikorrenti kriet lil Peter Caruana l-ħanut … fil-livell tat-triq, u l-kamra 20A, fit-tielet sular … għal żmien obbligatorju ta’ sitt snin, u żmien fakultattiv ta’ sitt snin oħra, bil-kera ta’ Lm 1,320 fis-sena għall-ħanut u Lm 180 fis-sena għall-kamra, pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem, u rivedibbli kull tliet snin b’żieda ta’ 5% (ħamsa fil-mija) b’effett mid-9 ta’ Settembru 1997. Dawn il-fondi nkrew għal skop kummerċjali u l-inkwilin kien projbit milli jissulloka jew jittrasferixxi din il-kirja lil terzi.
>
> »Fl-*affidavit* tiegħu, Francesco Apap Bologna ddikjara li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti … … … L-istess xhud ippreżenta kopja ta’ kuntratt ta’ kiri ffirmat ma’ Caruana u datat 16 ta’ Frar 2022, dwar il-fondi mertu tal-kawża, li permezz tiegħu l-istess Caruana reġa’ kera dawn il-fondi b’effett mill-31 ta’ Jannar 2022 u għal żmien definit sal-aħħħar tas-sena 2028, bil-kera ta’ €10,840 fis-sena, pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem, u soġġett għal awment kull tliet snin b’perċent-aġġ ta’ ħamsa fil-mija (5%), *oltre* l-miżati kondominjali pagabbli wkoll mill-inkwilin.«

3. Billi dehrilha li dan kien bi ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija ta’ ħwejjiġha, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi, fil-konfront tar-rikorrenti, l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini … b’mod partikolari l-artikoli 3, 4, 9 u 12 qegħdin jagħtu dritt ta’ rilokazzjoni lill-intimat u flimkien mal-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti (kif emendati mill-Att X tal-2009 u l-Att XXIV tal-2021) qed jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni europea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta), rigwardanti l-proprjetajiet bin-numru 3 u 20A … Valletta;
>
> »2. konsegwentement u għar-raġunijiet premessi tiddikjara li l-operat tal-Ordinanza u tal-liġijiet viġenti kif dedotti fl-ewwel talba huma nulli u mingħajr effett u *inoltre* tiddikjara illi mhumiex applikabbli għal din il-kirja;
>
> »3. tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, anke *ai termini* tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni europea, inkluż li tneħħi l-protezzjoni tal-Ordinanza għall-kirja mertu ta’ din il-

kawża u tiddikjara illi l-esponenti mhijiex obbligata tiġġedded il-kera tal-fondi mertu ta' din il-kawża a favur l-intimata u / jew tapplika l-prinċipju ta' *restitutio in integrum*, u *inoltre*

»4. tiddikjara … illi l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli għall-kumpens u danni pekunarji u non pekunarji sofferti mir-rikorrenti, b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet fuq imsemmija;

»5. tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji, kif sofferti mir-rikorrenti, *ai termini* tal-liġi;

»6. tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati lir-rikorrenti *ai termini* tal-liġi, b'mod partikolari l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni europea.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. B'nota tat-23 ta' Frar 2022 is-soċjetà attriċi ċediet it-talbiet tagħha safejn jolqtu lill-konvenut Peter Caruana.

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … din il-qorti ma ssibx li t-tħaddim sa Diċembru 2021 tal-artt. 3, 4, 9 u 12 tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta) għall-kirja li r-rikorrenti kienet tat lil Peter Caruana bl-iskrittura tad-9 ta' Settembru 1994 fuq il-ħanut … u l-kamra … kiser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti protett bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni europea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

»Għaldaqstant … din il-qorti qiegħda tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat billi … tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ fil-konfront ta' Peter Caruana *stante* ċessjoni, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

»Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.«

6. Safejn relevanti għall-appell tallum, l-ewwel qorti fissret hekk il-konsiderazzjonijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha:

»8. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qed tilmenta mit-tħaddim tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini għall-kirja li hija għamlet a favur ta' Peter Caruana dwar il-fondi mertu tal-kawża, u għaż-żmien wara l-għeluq taż-żmien tal-kiri miftiehem bejniethom. Minn Settembru 2006 sakemm ippreżentat din il-kawża f'Dicembru 2021, ir-rikorrenti kienet kostretta ġġedded il-kirja ta' dawn il-fondi kummerċjali favur l-inkwilin magħżul minnha, bl-istess kera kif awmentat skond il-ftehim oriġinali, u bl-istess kundizzjonijiet … … …

»… … …

9. Kwantu imbagħad għall-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni europea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), dan jipprovdi kif ġej:

»Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

»Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.

»… … …

»15. F'dan il-każ, irriżulta mill-provi li:

»(i) il-fondi mikrija huma addebiti għall-użu kummerċjali u jinsabu f'lok strateġiku għan-negozju;

»(ii) il-kirja ingħatat volontarjament minn sid il-kera, għal żmien relattivament twil – tnax-il sena – u matulhom il-kera baqgħet togħla skond kif miftiehem bejnu u l-inkwilin;

»(iii) wara l-iskadenza taż-żmien tal-kiri, l-inkwilin baqa' protett fil-kirja għal madwar ħmistax-il sena oħra, bil-kera tibqa' tkun awment-ata skond il-ftehim tal-partijiet;

»(iv) filwaqt li l-kera miftiehem għall-ewwel sena tal-kirja kien ta' € 3,494.06 fis-sena (ekwivalenti ghal Lm 1,500), u *cioè* aktar mid-doppju tal-valur lokatizju tal-fond minn kif stmat mill-perit tekniku, il-kera awmentat skond il-kuntratt ta' kiri għas-sena 2021 meta bdiet din il-kawża kien fis-somma ta' € 6,395.88 (sitt elef tliet mija u ħamsa u disgħin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu) fis-sena, meta l-perit tekniku wera l-fehma li dakinhar il-fondi kellhom valur lokatizju ta' madwar € 7,000 (sebat elef euro);

»(iii) b'effett mill-31 ta' Jannar 2022, u b'rieda ħielsa tar-rikorrenti u l-inkwilin, kien konkluż ftehim ta' kiri ġdid, għal żmien seba' snin, b'kera ta' € 10,840 (għaxart elef tmien mija u erbgħin euro) fis-sena, *oltre* ħlas ta' €340 (tliet mija u erbgħin euro) bħala miżati kondominjali, u rivedibbli kull tliet snin bir-rata ta' 5% (ħamsa fil-mija). Dan il-ftehim wassal lir-rikorrenti ċċedi l-kawża fil-konfront tal-intimat inkwilin.

»16. Fis-sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti tilmenta b'mod ġenerali mit-tħaddim tal-liġi impunjata, u tagħmel paraguni ġeneriċi ma' ħwienet ohra fl-istess blokk li għalihom ma tapplikax din il-liġi. Dan però mhux rilevanti għall-kwistjoni in eżami, għaliex … l-istat Malti kellu d-diskrezzjoni, anzi l-obbligu, li jintervjeni leġislativament sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà privata fl-interess tal-ġeneralità, meta dan kien meħtieġ. Ma tressqet ebda prova mir-rikorrenti li, wara l-għeluq taż-żmien tal-kiri pattwit bejnha u l-inkwilin tagħha, l-inkwilin ma kellux il-ħtieġa għal din il-protezzjoni. Dak l-eżami huwa fundamentali biex tkun determinata l-proporzjonalità tal-indħil leġislattiv fil-każ partikolari. Għalhekk, ma jistax isir b'mod ġeneriku, b'riferenza għas-sitwazzjoni ekonomika ġenerali fil-pajjiż biss, imma għandu jqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-kirja partikolari, u tal-inkwilin partikolari. Aktar u aktar meta jirriżulta li, bejn wieħed u ieħor, il-kera perċepit mir-rikorrenti wara l-għeluq taż-żmien tal-kiri miftiehem kien paragunabbli mal-valur

lokatizju tal-istess fondi, u meta l-leġislatur innifsu rrestrinġa ż-żmien li matulu jibqa' effettiv il-kontroll leġislativ bl-emendi fl-Att X tal-2009. Dan kollu qed jingħad ukoll fid-dawl tan-nuqqas tar-rikorrenti li tikkontesta l-valur lokatizju mogħti mill-perit tekniku bi provi kuntrarji, jew bil-mezzi l-oħra li tagħtihom il-liġi, u wkoll li jagħmlu sottomissjonijiet legali u fattwali f'dak ir-rigward.

»Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari, din il-qorti ma ssibx li t-tħaddim sa Diċembru 2021 tal-artt. 3, 4, 9 u 12 tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini għall-kirja li r-rikorrenti kienet tat lil Peter Caruana bl-iskrittura tad-9 ta' Settembru 1994 fuq il-ħanut 3 u l-kamra 20A … Valletta, kiser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti protett bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.«

7. Is-soċjetà attriċi appellat b'rikors tal-1 ta' Awwissu 2023 li l-Avukat tal-Istat wieġeb għalih fid-9 ta' Awwissu 2023.

8. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk:

»L-ewwel aggravju

»Kif osservat sew l-ewwel qorti, permezz tas-sentenza Hutten-Czapska *v.* Polonja, hemm ċertu binarji li jridu jiġu sodisfatti biex stat ikun jista' jintervjeni jew jeżerċita kontroll fuq drittijiet fundamentali bħalma huma d-drittijiet ta' proprjetà. Dan ġie ritenut fis-sentenza Joseph Barbara *et v.* l-Onorevoli Prim Ministru *et*, fejn il-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qalet illi: "… fejn *si tratta* minn ilmenti ta' vjolazzjoni ta' natura kontinwa tad-drittijiet ta' proprjetà bħala riżultat tat-twettiq ta' liġijiet li jimponu arranġamenti lokatizji fuq is-sidien u li jipprovdu għal ammont ta' kera allegatament inadegwat, ġew ritenuti li jammontaw għal mezz ta' kontroll mill-istat fuq l-użu tal-proprjetà u, in kwantu tali, jaqgħu sabiex jiġu kkunsidrati taħt it-tieni paragrafu tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Interferenza bħal din trid tkun kompatibbli mal-prinċipji ta' (i) legalità (*lawfulness*); (ii) għan leġittimu fl-interess ġenerali, u (iii) bilanċ ġust".

»L-ewwel qorti, filwaqt illi ħadet konjizzjoni tal-fatt illi l-proprjetajiet mertu ta' din il-kawża kienu intiżi għall-użu kummerċjali u jinsabu f'lok strateġiku għan-negozju, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kawża … … …

»… … …

»Qabel is-sena 1995, kull persuna li kellha proprjetà għall-kiri kellha żewġ għażliet: jew li tikri l-proprjetà tagħha għall-ammont miftiehem, liema ammont kellu jibqa' l-istess *ad infinitum*, jew li tħalli l-post vojt *ad infinitum*.

»Fis-sena 1994 ma kien hemm l-ebda prospett prevedibbli ta' tibdil fil-liġi li kien ser jillibera sidien ta' proprjetajiet marbutin b'kontroll leġislativ sabiex ikunu jistgħu jgawdu mingħajr limiti l-proprjetajiet tagħhom. Il-pożizzjoni tal-appellanti, bħas-sidien oħrajn, kienet: jew li tikri kif fuq intqal u tbaxxi rasha għar-realtajiet tal-kontroll li kien, u li

għadu, fis-seħħ, jew li tbigħ il-proprjetajiet biex teħles mill-ingann tal-kontroll tal-liġijiet. Għażla komunista għall-aħħar li għadha *in vigore* sal-lum il-ġurnata u li ġiet ikkastigata kemm-il darba mill-Europa u mill-Qrati tagħna.

»Għalkemm kien hemm żmien fl-Istorja Maltija fejn ċertu kontroll kien neċessarju fl-interess pubbliku, din in-neċessità ddgħajfet matul is-snin sabiex mis-sena 1995 ’il quddiem ma baqgħetx teżisti, fatt dan li ġie rifless fl-emendi li saru minn 1995 ’il quddiem.

»It-terminu indikat fi kwalunkwe kuntratt li ġie iffirmat mis-sidien ta’ proprjetajiet, bħalma hi s-soċjetà rikorrenti, qabel l-1 ta’ Ġunju 1995, ma kellu l-ebda impatt jew effett, mil-lat prattiku, fuq il-kuntratt *stante* illi l-liġi ssostitwixxiet kull terminu ta’ kull ftehim li ġie redatt u ffirmat qabel Ġunju 1995. Tant hu hekk illi kwalunkwe ftehim kummerċjali li seħħ qabel l-1 ta’ Ġunju 1995, kellu jibqa’ fis-seħħ sas-sena 2028. *Inoltre*, l-ispirtu tal-liġi / liġijiet kien u, u baqa’ / baqgħu, wieħed ta’ kontroll intiż biex jipproteġi l-inkwilin bl-ebda konsiderazzjoni għas-sid. Tant hu hekk illi hemm mijiet, jekk mhux eluf, ta’ kawżi kostituzzjonali li qed jiġu intavolati u jintrebħu mis-sidien għaliex din il-liġi / dawn il-liġijiet għadhom fis-seħħ, m’għandhom l-ebda bażi legali llum il-ġurnata.

»Il-qorti, filwaqt illi tenniet l-importanza ta’ proporzjonalità u *fair balance* u konsegwentement iċċitat numru ta’ sentenzi fejn il-qrati ddeċidew favur ir-rikorrenti u kontra l-gvern u *cioè* ddikjaraw illi l-provvedimenti tal-liġijiet viġenti li jikkontrollaw l-użu ta’ proprjetà tal-individwu qed jiksru l-jeddijiet fondamentali tiegħu, iġġustifikat il-ksur tal-jeddijiet fondamentali tas-soċjetà rikorrenti abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ … … …

»… … …

»Id-deċiżjoni li ttieħdet mill-ewwel qorti mhux biss ma tagħmel l-ebda sens legali, iżda hija perikoluża għall-aħħar *stante* illi r-raġunament tal-qorti jiddisturba l-essenza sostantiva tal-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni, li huwa intiż sabiex id-drittijiet fundamentali għall-proprjetà ma jiġux abbużati mill-istat u li ċ-ċittadin privat ma jsofri l-ebda preġudizzju sproporzjonat.

»Il-qorti injorat kompletament il-fatt illi l-esponenti ma kellha l-ebda kontroll, fl-ewwel lok, fuq it-terminu tal-kuntratt u *cioè* li kellha tibqa’ b’idejha marbutin sakemm jew tinbidel il-liġi jew li l-inkwilin jagħtiha lura l-proprjetà u *inoltre* ma kellha l-ebda kontroll fuq l-ammont ta’ kera li setgħet tipperċepixxi li kieku ma kinitx marbuta bil-liġi. Anzi l-qorti, b’assurdità li l-esponenti għadha ma tistax tifhem, donnha ddeċidiet illi, peress illi l-esponenti daħlet f’kuntratt ġdid mal-istess inkwilin għall-ammont ta’ kera paragunabbli ma’ dak li indika l-perit, ma kien hemm l-ebda ksur ta’ jeddijiet fundamentali. B’hekk, mhux biss injorat dak li l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll huwa intiż jipproteġi u *cioè* d-dritt ta’ ġodiment u użu ta’ proprjetà, iżda sfigurat l-ispirtu ta’ din il-liġi. Il-qorti ma ħadet l-ebda konjizzjoni tal-fatt illi l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll jipproteġi wkoll id-dritt għar-ripreża tal-fond, u *cioè* rikonoxximent ta’ terminu (ħieles) li għandu jiġi rispettat.

»… … …

»Ma kien hemm l-ebda *procedural safeguards in vigore* kemm meta ġiet promulgata l-liġi ta’ kontroll u kemm wara meta saru l-emendi fis-

> sena 1995, fis-sena 2009 u lanqas bil-emendi l-iktar riċenti ta' 2021. Is-sid, bħalma hi l-esponenti appellanti, li ffirmat kuntratt ta' kera qabel l-1 ta' Ġunju 1995 kellha tibqa' taħt il-ħakma tal-kontroll dettat minn liġi inġusta u tbati ksur tal-jeddijiet tagħha u *inoltre* ssofri l-frustrazzjonijiet kollha ta' dak il-kontroll mingħajr bażi, għal għexieren [ta'] snin. L-emendi tal-Att X tas-sena 2009 ma setgħu qatt jiġu rikonoxxuti bħala *procedural safeguards* speċjalment meta ma kien hemm l-ebda bażi legali kemm għal dak iż-żmien ta' kontroll f'ekonomija li kienet qed tmur għal aħjar kull sena.
>
> »*In vista* tas-suespost, il-qorti ma kellha l-ebda bażi legali biex tiċħad it-talbiet tal-esponenti appellanti.«

9. Għandha raġun l-attriċi appellanti tgħid illi għamlet ħażin l-ewwel qorti safejn immotivat id-deċiżjoni tagħha biss fuq il-konsiderazzjoni taċ-"ċirko-stanzi … tal-inkwilin partikolari". Ma huwiex kontestat illi l-għan soċjali tal-liġi li tħares ukoll l-interess tal-kerrej huwa għan leġittimu, u r-relevanza ta' dak l-interess tiżdied aktar ma tkun urġenti l-ħtieġa għall-protezzjoni. Iżda dan ma huwiex biżżejjed, għax għandu jitqies ukoll l-interess tas-sid, b'mod illi, jekk fl-interess soċjali huwa xieraq illi l-użu li s-sid jista' jagħmel minn ħwejġu jkun kontrollat, daqstant ieħor huwa xieraq illi talli jiċċaħħad mit-tgawdija ta' ħwejġu s-sid jingħata kumpens tajjeb u biżżejjed.

10. Barra minn hekk, ma jidhirx li ntwera illi l-"inkwilin partikolari" kellu xi ħtieġa partikolarment urġenti fil-każ tallum.

11. Naturalment, dan ma huwiex biżżejjed biex jintlaqa' l-appell tal-attriċi; fadal li naraw jekk, fid-dawl tal-interess soċjali tal-kontroll tal-proprjetà, ingħatax kumpens xieraq.

12. Ngħaddu mela għat-tieni aggravju li ġie mfisser hekk:

> »Kien biss wara li l-esponenti ntavolat din il-kawża illi l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tal-intimat Caruana (biss), inbidlet. Ġie negozjat kuntratt ġdid kemm minħabba l-biża' li kellu l-intimat inkwilin li jitlef il-kirja minħabba d-deċiżjonijiet mill-qrati tagħna fil-konfront tal-liġijiet ta' kontroll, kif indikati wkoll f'din il-kawża, u kemm minħabba l-fatt illi l-esponenti kienet għadha f'pożizzjoni prekarja *stante* illi l-liġijiet li

għadhom idamdmu d-drittijiet tagħha, bħala sid, għall-proprjetà, għadhom fis-seħħ. Fil-fatt il-partijiet innegozjaw kirja ġdida b'kera ogħla minn dak indikat mill-perit tekniku u bl-awment ta' 5% kif miftiehem, bil-patt illi l-inkwilin jagħmel investiment sostanzjali fir-rinovazzjoni (inkluż anke strutturalment) tal-ħanut, kif indikat ċar fil-kuntratt ta' kera datat 2022. Din ir-rinovazzjoni inkludiet wkoll parti mill-komun u *cioè* illi l-intimat Caruana jbiddel ix-*shutter* prinċipali tal-blokk sħiħ biex jimmodernizzah u jagħti spinta 'l quddiem mil-lat estetiku. Il-qorti ma ħaditx konjizzjoni tal-investiment ta' eluf ta' euro li ġie marbut jagħmel l-intimat Caruana, bħala parti min-negozju għall-kuntratt ġdid ta' kera.

»Li kieku ma kienx għall-kuntratt li ġie ffirmat mill-esponenti appellant mal-intimat inkwilin, kien ser ikun hemm ir-riskju illi l-appellanti tibqa' marbuta bl-istess kundizzjonijiet li ntrabtet bihom fis-sena 1994, sas-sena 2028 (artikolu 1531I tal-Kodiċi Ċivili). Permezz tal-kuntratt ġdid datat 2022, l-esponenti ġabet investiment fil-proprjetà tagħha, żiedet il-kera u kisbet serħan tal-moħħ illi l-kuntratt huwa marbut b'terminu li riedet hi u mhux kif dettat mil-Liġi anti-kostituzzjonali.

»Illi *inoltre*, *nonostante*,

»i. iż-żieda fil-kera permezz tal-kuntratt ġdid,

»ii. illi kien l-istess inkwilin li ffirma l-kuntratt sabiex ikompli jinnegozja mill-istess ħanut stante illi kellu l-mezzi finanzjarji, u

»iii. l-investiment sostanzjali da parti tal-inkwilin intimat fil-proprjeta' mertu tal-kawża, li lkoll juru illi l-inkwilin intimat ma kellux il-ħtieġa għall-protezzjoni,

»il-qorti insistiet, u agħar minn hekk, iddikjarat b'mod skorrett għall-aħħar illi "ma tressqet ebda prova mir-rikorrenti li, wara l-għeluq taż-żmien tal-kiri pattwit bejnha u l-inkwilin tagħha, l-inkwilin ma kellux il-ħtieġa għal din il-protezzjoni". Kompliet tgħid, mingħajr l-ebda bażi kemm fattwali jew legali, illi "dak l-eżami huwa fundamentali biex tkun determinata l-proporzjonalità tal-indħil leġislattiv fil-każ partikolari. Għalhekk, ma jistax isir b'mod ġeneriku, b'riferenza għas-sitwazzjoni ekonomika ġenerali fil-pajjiż biss, imma għandu jqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-kirja partikolari, u tal-inkwilin partikolari. Aktar u aktar meta jirriżulta li, bejn wieħed u ieħor, il-kera perċepita mir-rikorrenti wara l-għeluq taż-żmien tal-kiri miftiehem kien paragunabbli mal-valur lokatizju tal-istess fondi u meta l-leġislatur innifsu rrestrinġa ż-żmien li matulu jibqa' effettiv il-kontroll leġislattiv bl-emendi fl-Att X tal-2009".

»Jiġifieri, skond l-ewwel qorti, l-fatt illi l-esponenti i. ma riditx tkompli tirriskja l-pożizzjoni tagħha stante illi l-liġi għadha *in vigore* u ii. daħlet fi ftehim ġdid sabiex teħles mill-kontroll tal-liġi, u iii. iddaħħal kera itjeb u *inoltre* iv. tikseb investiment fil-proprjetà tagħha bi flus l-inkwilin oriġinali, fisser illi l-leżjoni ta' drittijiet tul *circa* tletin sena ġew newtralizzati. Donnu l-kontroll impost mil-liġi fuq l-proprjetà kummerċjali tal-esponenti kien ġustifikat u li kważi l-esponenti għamlet ħażin li qabdet u ħelset lilha nfisha mill-manetti abbużivi ta' liġijiet inġusti. Dan żgur ma kienx, u qatt ma jista' jkun, l-ispirtu tal-artikolu rilevanti tal-Konvenzjoni, kif rifless fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Il-qorti kompliet tgħid illi l-appellanti ma kkontestatx il-valur lokatizju mogħti mill-perit tekniku bi provi kuntrarji, jew bil-mezzi l-oħra li tagħtihom il-liġi, u wkoll li jagħmlu sottomissjonijiet legali u fattwali f'dak ir-rigward. Għal darba oħra l-qorti kienet skorretta *stante* illi l-

> kuntratt li ġie ffirmat fis-sena 2022 kien prova sufficjenti tad-diskrepanza li teżisti bejn dak li indika l-perit u l-valur lokatizzju fis-suq illum. L-inkwilin kellu jinvesti ħafna flus fir-rinovazzjoni u *inoltre* ntrabat illi jħallas € 4,000 iżjed minn dak li indika l-perit, b'awment ta' 5% kull sena mill-2025. *Inoltre*, u mingħajr preġudizzju, l-esponenti kkontestat l-valur mogħti mill-perit fis-sottomissjonijiet tagħha li saru bil-miktub u ddikjarat illi l-ammonti u ż-żieda indikati mill-perit jaċċennaw l-isproporzjon li jeżisti.«

13. Verament dan l-aggravju ma indirizzatx dak li hu tassew meħtieġ biex il-qorti tista' tqis jekk l-attriċi ġarrbitx preġudizzju minħabba nuqqas ta' proporzjon bejn il-kera kontrollat u dak fis-suq ħieles: eserċizzju purament matematiku li jkollha tagħmlu l-qorti meta l-partijiet jintilfu fir-retorika u fl-iperbole flok ma jindirizzaw dak li hu tassew determinanti.

14. Naraw mela jekk kienx hemm diskrepanza qawwija bejn il-kera kontrollat mid-9 ta' Settembru 2006, wara li għadda ż-żmien tal-ftehim tad-9 ta' Settembru 1994, sal-31 ta' Jannar 2022, meta l-attriċi kriet il-fond bi ftehim ħieles, u l-kera li s-soċjetà attriċi setgħet tirċievi għall-istess fondi kummerċjali fis-suq ħieles kif muri fir-relazzjoni tal-perit tekniku.

15. L-iskeda A mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha turi illi l-kera kontrollat li daħħlet l-attriċi fiż-żmien relevanti, ukoll qabel it-tnaqqis kif irid il-każ ta' <u>Cauchi</u>, kien partikament daqs il-kera xieraq kif stmat mill-perit tekniku. Fi kliem ieħor, l-attriċi ma ġarrbet ebda telf b'konsegwenza tal-liġijiet impunjati. Forsi kien għalhekk illi fir-rikors tal-appell l-attriċi għażlet li toqgħod fuq ir-retorika milli fuq il-matematika.

16. Billi għalhekk ma ġarrbet ebda telf, l-attriċi appellanti ma ġarrbet ebda ksur tad-drittijiet tagħha, u l-ewwel qorti għamlet sew li ċaħdet it-talbiet tagħha għalkemm għal raġunijiet li ma kinux daqstant ċari u preċiżi.

17. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell.

18. L-ispejjeż kollha, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, tħallas-hom l-attriċi appellanti.

19. Ukoll, billi tqis illi l-appell huwa fieragħ, il-qorti wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa 10 mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tordna lill-attriċi appellanti tħallas lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500).

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss

Skeda A

| Sena | kera kontrollat | kera xieraq |
|---|---|---|
| | € | € |
| 2006 | 1,348.27 | 945.00 |
| 2007 | 4,044.81 | 2,835.00 |
| 2008 | 4,044.81 | 2,835.00 |
| 2009 | 4,044.81 | 3,699.00 |
| 2010 | 4,247.05 | 3,699.00 |
| 2011 | 4,247.05 | 3,699.00 |
| 2012 | 4,247.05 | 3,699.00 |
| 2013 | 4,459.40 | 3,699.00 |
| 2014 | 4,459.40 | 4,825.00 |
| 2015 | 4,459.40 | 4,825.00 |
| 2016 | 4,682.37 | 4,825.00 |
| 2017 | 4,682.37 | 4,825.00 |
| 2018 | 4,682.37 | 4,825.00 |
| 2019 | 4,916.49 | 6,294.00 |
| 2020 | 4,916.49 | 6,294.00 |
| 2021 | 4,916.49 | 7,000.00 |
| 2022 | 430.19 | 583.33 |
| | 68,828.85 | 69,406.33 |

* erba' xhur

** xahar